# Lill-Mewt

Issaltan fuq kulħadd u fuq il-ħajja
Waħdieni mal-bnedmin l-amar ta' dinek,
Issejjaħ lil min trid bla ħadd jaf ħinek
Sabiex f'art in-nessejja jtemm il-ġrajja;

Xejn int bħas-sebħ mistenni f'waqtu u miegħu
Iġib bbiex lilna twennes b'dija u sħana
ix-xemx ħanina tgħaddi s-sigħat magħna
sa jiġi l-lejl darb'oħra bid-dlam tiegħu;

Dejjem tal-waqt ir-rieda; b'idha mdehba
Kemmxejn tmissha l-ħarifa u taqa' l-werqa,
U hekk id-dielja taqbad tinża' b'ħerqa,
Biss int bla heda tgħix tal-ħsad ir-regħba;

Bla waqt u bla twissija l-minġel tiegħek
ħabrieki dejjem bla ma jgħejja driegħek.

*J.Zammit Tabona*